SENTENZA TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (It-Tielet Awla)

17 ta' Diċembru 2015*

"Rinviju għal deċiżjoni preliminari — Leġiżlazzjoni fiskali — Taxxa fuq il-kumpanniji — Libertà ta' stabbiliment — Stabbiliment permanenti mhux residenti — Prevenzjoni tat-taxxa doppja bl-eżenzjoni tad-dħul tal-istabbiliment permanenti mhux residenti — Teħid inkunsiderazzjoni tat-telf sostnut minn tali stabbiliment permanenti — Tintegra mill-ġdid it-telf imnaqqas preċedentement f'każ ta' trasferiment tal-istabbiliment mhux residenti — Telf definittiv"

Fil-Kawża C-388/14,

li għandha bħala suġġett talba għal deċiżjoni preliminari skont l-Artikolu 267 TFUE, imressqa mill-Finanzgericht Köln (tribunal tal-finanzi ta' Köln, il-Ġermanja), permezz ta' deċiżjoni tad-19 ta' Frar 2014, li waslet fil-Qorti tal-Ġustizzja fl-14 ta' Awwissu 2014, fil-proċedura

Timac Agro Deutschland GmbH

vs

Finanzamt Sankt Augustin,

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (It-Tielet Awla),

komposta minn M. Ilešič, President tat-Tieni Awla, li qed jaġixxi bħala President tat-Tielet Awla, C. Toader, A. Rosas, E. Jarašiūnas u C. G. Fernlund (Relatur), Imħallfin,

Avukat Ġenerali: M. Wathelet,

Reġistratur: K. Malacek, Amministratur,

wara li rat il-proċedura bil-miktub u wara s-seduta tal-1 ta' Lulju 2015,

wara li kkunsidrat l-osservazzjonijiet ippreżentati:

— għal Finanzamt Sankt Augustin, minn U. Strake u H. Brandenberg, bħala aġenti,

— għall-Gvern Ġermaniż, minn T. Henze u K. Petersen, bħala aġenti,

— għall-Gvern Franċiż, minn D. Colas u J.-S. Pilczer kif ukoll minn S. Ghiandoni, bħala aġenti,

— għall-Gvern Awstrijak, minn C. Pesendorfer, E. Lachmayer u A. Wild kif ukoll minn M. Klamert, bħala aġenti,

* Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż.

— għall-Gvern tar-Renju Unit, minn J. Kraehling, bħala aġent, assistita minn S. Ford u de N. Saunders, barristers,

— għall-Kummissjoni Ewropea, minn W. Roels u M. Wasmeier, bħala aġenti,

wara li semgħet il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali, ippreżentati fis-seduta tat-3 ta' Settembru 2015,

tagħti l-preżenti

Sentenza

1 It-talba għal deċiżjoni preliminari tirrigwarda l-interpretazzjoni tal-Artikolu 49 TFUE.

2 Din it-talba tressqet fil-kuntest ta' kawża bejn Timac Agro Deutschland GmbH (iktar 'il quddiem "Timac Agro"), kumpannija b'kapital azzjonarju rregolat mid-dritt Ġermaniż, u l-Finanzamt Sankt Augustin (servizz tat-taxxi ta' Sankt Augustin) dwar, min-naħa, l-integrazzjoni mill-ġdid, minn dan tal-aħħar, tat-telf preċedentement imnaqqas, marbut mas-snin ta' taxxa 1997 u 1998, li ġej minn stabbiliment permanenti mhux residenti ta' din il-kumpannija fl-okkażjoni tat-trasferiment ta' dan l-istabbiliment għal kumpannija affiljata mhux residenti, u, min-naħa l-oħra, ir-rifjut tas-servizz tat-taxxi ta' Sankt Augustin li jieħu inkunsiderazzjoni t-telf, marbut mas-snin ta' taxxa mill-1999, li sar minn dan l-istabbiliment wara dan it-trasferiment.

Il-kuntest ġuridiku

Id-dritt Ġermaniż

3 L-ewwel sar-raba' sentenzi tal-Artikolu 2a(3) tal-Liġi dwar it-taxxa fuq id-dħul (Einkommensteuergesetz, iktar 'il quddiem l-"EStG"), fil-verżjoni applikabbli għas-snin ta' taxxa 1997 u 1998, jipprevedu:

"Jekk ir-riżultati ta' attivitajiet industrijali jew kummerċjali ta' stabbiliment li jinsab fi Stat barrani huma eżentati mit-taxxa fuq id-dħul permezz ta' ftehim dwar il-ħelsien minn taxxa doppja, it-telf marbut ma' dawn ir-riżultati skont id-dispożizzjonijiet tad-dritt fiskali nazzjonali għandu, fuq talba tal-persuna taxxabbli, jitnaqqas fil-kalkolu tal-ammont globali tar-riżultati, sa fejn il-persuna taxxabbli tkun tista' tpaċih jew tnaqqsu jekk ir-riżultati ma jiġux eżentati mit-taxxa fuq id-dħul u sakemm dan ikun ogħla mir-riżultati pożittivi tal-attivitajiet industrijali jew kummerċjali ta' stabbilimenti oħra li jinsabu fl-istess Stat barrani li huma eżentati permezz ta' dan il-ftehim.

Għalhekk, sa fejn dan it-telf ma jkunx ġie kkumpensat, it-tnaqqis tat-telf huwa permess jekk jiġu ssodisfatti l-kundizzjonijiet tal-Artikolu 10d.

Jekk, f'sena fiskali ulterjuri, ir-riżultati globali tal-attivitajiet industrijali jew kummerċjali tal-istabbilimenti permanenti li jinsabu f'dan l-Istat barrani li huma eżentati mit-taxxa fuq id-dħul permezz ta' dan il-ftehim ikunu pożittivi, it-telf imnaqqas skont l-ewwel u t-tieni sentenzi għandu jiġi integrat mill-ġdid fl-ammont totali tar-riżultati kkalkolati għal din is-sena fiskali. It-tielet sentenza ma tapplikax jekk il-persuna taxxabbli turi li d-dispożizzjonijiet tal-Istat barrani li japplikaw għaliha, b'mod ġenerali ma jippermettux it-talba li t-tnaqqis għat-telf jiġi ddifferit għal sena oħra minbarra dik li matulha ġie sostnut it-telf".

4 L-Artikolu 52(3) tal-EstG, fil-verżjoni applikabbli fl-2005, jaqra, fit-tielet u fil-ħames sentenzi tiegħu:

"L-Artikolu 2a(3), fil-verżjoni ppubblikata fis-16 ta' April 1997 (BGB1 1997, p. 821) fit-tielet, fil-ħames u fis-sitt sentenzi jibqa' applikabbli għas-snin ta' taxxa mill-1999 sa l-2008 sa fejn ikun hemm riżultat pożittiv fis-sens tat-tielet sentenza tal-Artikolu 2a(3), jew sa fejn stabbiliment permanenti li jinsab fi Stat barrani skont l-Artikolu 2a(4), fil-verżjoni tal-ħames sentenza, jinbidel f'kumpannija b'kapital azzjonarju, jiġi ttrasferit jew jingħalaq. [...] L-Artikolu 2a(4) huwa applikabbli fil-verżjoni li ġejja għas-snin ta' taxxa mill-1999 sa l-2008:

'4. Jekk stabbiliment permanenti li jinsab fi Stat barrani jkun

1) inbidel f'kumpannija b'kapital azzjonarju jew

2) ikun ġie ttrasferit bi ħlas jew bla ħlas jew

3) ingħalaq [...], it-telf imnaqqas skont l-ewwel u t-tieni sentenzi tal-paragrafu 3, jiġi integrat mill-ġdid fl-ammont totali tar-riżultati fis-sena li matulha jkunu saru l-bidla, it-trasferiment jew l-għeluq, billi tiġi applikata b'mod analogu t-tielet sentenza tal-paragrafu 3, sa fejn l-imsemmi telf ma jkunx ġie integrat mill-ġdid skont it-tielet sentenza tal-paragrafu 3, u lanqas ma jkun għadu jrid jiġi integrat mill-ġdid'".

Il-ftehimiet dwar ħelsien minn taxxa doppja

5 L-Artikolu 4(1) tal-Ftehim dwar ħelsien minn taxxa doppja fil-qasam tat-taxxa fuq id-dħul u l-assi kif ukoll tat-taxxi professjonali u t-taxxa fuq il-proprjetà, konkluż bejn ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja u r-Repubblika tal-Awstrija fl-4 ta' Ottubru 1954 (BGBl. 1955 II, p. 749), kif emendat mill-Ftehim tat-8 ta' Lulju 1992 (BGBl. 1994 II, p. 122), jipprovdi:

"[j]ekk persuna residenti f'wieħed mill-Istati kontraenti tirċievi dħul, bħala diriġent jew kodiriġent ta' impriża industrijali jew kummerċjali li l-attivitajiet tagħha jestendu għat-territorju tal-Istat kontraenti l-ieħor, dan l-Istat l-ieħor ikollu d-dritt ta' tassazzjoni fuq dan id-dħul biss sa fejn dan id-dħul jirriżulta minn stabbiliment permanenti li jinsab fit-territorju tiegħu".

6 L-Artikolu 7(1) tal-ftehim konkluż bejn ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja u r-Repubblika tal-Awstrija, dwar il-ħelsien minn taxxa doppja fil-qasam tat-taxxa fuq id-dħul u l-assi, tal-24 ta' Awwissu 2000 (BGBl. 2000 II, p. 734, iktar 'il quddiem il-"Ftehim bejn il-Ġermanja u l-Awstrija") jiddisponi:

"Il-profitti ta' impriża fi Stat kontraenti jistgħu jiġu ntaxxati biss f'dak l-Istat, sakemm l-impriża ma teżerċitax l-attività tagħha fl-Istat kontraenti l-ieħor permezz ta' stabbiliment permanenti li jkun jinsab hemmhekk. Jekk l-impriża teżerċita l-attività tagħha b'dan il-mod, il-profitti tal-impriża għandhom jiġu ntaxxati fl-Istat l-ieħor, iżda biss safejn dawn ikunu imputabbli lil dak l-istabbiliment permanenti".

7 L-ewwel sentenza tal-Artikolu 23(1) tal-Ftehim bejn il-Ġermanja u l-Awstrija hija fformulata kif ġej:

"It-taxxa fuq il-persuni residenti fir-Repubblika Federali tal-Ġermanja hija stabbilita kif ġej:

a) bla ħsara għall-punt b) iktar 'l isfel, huwa eskluż mill-bażi tat-taxxa Ġermaniża d-dħul li joriġina mir-Repubblika tal-Awstrija u l-elementi tal-assi li jinsabu fir-Repubblika tal-Awstrija li, skont dan il-ftehim, huma ntaxxati fir-Repubblika tal-Awstrija."

8 L-Artikolu 12(b) tal-Protokoll anness ma' dan il-ftehim jipprovdi, fir-rigward tal-Artikolu 24 tal-imsemmi ftehim:

"Meta persuni residenti fil-Ġermanja jġarrbu, mis-sena ta' taxxa 1990 (1989/1990), telf fl-istabbilimenti permanenti li jinsabu fl-Awstrija, it-telf sostnut sas-sena ta' taxxa 1997 (1996/1997) inkluża jittieħed inkunsiderazzjoni konformement mad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 2a(3) tal-EStG. L-integrazzjonijiet mill-ġdid skont it-tielet sentenza tal-Artikolu 2a(3) ta' [din il-liġi] ma japplikawx mis-sena ta' taxxa 1994. Għalkemm il-vantaġġ fiskali previst ma jistax isir konformement ma' dawn id-dispożizzjonijiet, fir-Repubblika Federali tal-Ġermanja minħabba fir-*res judicata* u li l-proċedura tal-iffissar tat-taxxa ma tistax tinfetaħ mill-ġdid minħabba fid-dekadenza, it-telf jista' jittieħed inkunsiderazzjoni fir-Repubblika tal-Awstrija taħt il-forma ta' tnaqqis tat-telf. Telf sostnut mis-sena ta' taxxa 1998 (1997/1998) għandu jittieħed inkunsiderazzjoni fl-Istat fejn jinsab l-istabbiliment skont il-prinċipju ta' reċiproċità. Id-dispożizzjonijiet msemmija hawn fuq japplikaw biss sakemm ma jwasslux sabiex it-telf jittieħed inkunsiderazzjoni darbtejn."

Il-kawża prinċipali u d-domandi preliminari

9 Timac Agro hija kumpannija b'kapital azzjonarju rregolata mid-dritt Ġermaniż u tappartjeni għal grupp Franċiż. Mill-1997, din kellha stabbiliment permanenti fl-Awstrija. Fil-31 ta' Awwissu 2005, dan l-istabbiliment ġie ttrasferit bi ħlas lil kumpannija stabbilita fl-Awstrija, li tappartjeni għall-istess grupp ta' kumpanniji bħal Timac Agro.

10 Il-kwistjoni tat-trattament tat-telf ta' dan l-istabbiliment permanenti mhux residenti tirriżulta peress li, bejn is-snin 1997 u 2005, l-imsemmi stabbiliment kien għamel telf għas-snin kollha, minbarra fis-snin 2000 u 2005.

11 Wara kontroll fiskali, il-bażijiet taxxabbli ta' Timac Agro ġew rettifikati għas-snin 1997 sa 2004. Minn naħa, it-telf tal-istabbiliment permanenti Awstrijak, li inizjalment tnaqqas mir-riżultati ta' Timac Agro għas-snin 1997 u 1998, ġie integrat mill-ġdid fil-bażi taxxabbli għal din il-kumpannija għas-sena 2005. Min-naħa l-oħra, it-teħid inkunsiderazzjoni tat-telf ta' dan l-istess stabbiliment permanenti fil-bażi taxxabbli ta' Timac Agro għas-snin 1999 sa 2004 ġie rrifjutat.

12 Timac Agro, filwaqt li kkontestat dawn ir-rettifiki, ippreżentat rikors quddiem il-Finanzgericht Köln (tribunal tal-finanzi ta' Köln). B'appoġġ għal dan ir-rikors, hija sostniet li kemm l-integrazzjoni mill-ġdid tat-telf sostnut mill-istabbiliment permanenti Awstrijak tagħha għas-snin 1997 u 1998 kif ukoll l-impossibbiltà li jitnaqqas it-telf ta' dan l-istabbiliment għas-snin 1999 sa 2004 kienu inkompatibbli mal-libertà ta' stabbiliment.

13 Fir-rigward tal-integrazzjoni mill-ġdid tat-telf inkwistjoni, il-qorti tar-rinviju tqis li l-Qorti tal-Ġustizzja għadha ma solvietx il-kwistjoni tal-konformità mad-dritt tal-Unjoni ta' tali integrazzjoni mill-ġdid wara t-trasferiment ta' stabbiliment permanenti mhux residenti.

14 Din il-qorti tindika li, għalkemm il-fatti li wasslu għas-sentenza Krankenheim Ruhesitz am Wannsee-Seniorenheimstatt (C-157/07, EU:C:2008:588) ċertament huma parzjalment komparabbli mal-fatti fil-kawża li tressqet quddiemha, madankollu, f'din is-sentenza, kienet kwistjoni tal-integrazzjoni mill-ġdid tat-telf fil-bażi taxxabbli tal-istabbilimenti permanenti mhux residenti sal-limitu tal-profitti tagħha. Għall-kuntrarju, fil-kawża prinċipali, l-integrazzjoni mill-ġdid tat-telf ġiet invokata minħabba t-trasferiment tal-istabbiliment permanenti mhux residenti, mingħajr rabta mal-profitti possibbli ta' dan l-istabbiliment

15 Fil-każ fejn il-Qorti tal-Ġustizzja tiddeċiedi li l-prinċipji li jirriżultaw mill-imsemmija sentenza għandhom japplikaw ukoll għal dan il-każ inkwistjoni fil-kawża prinċipali, il-qorti tar-rinviju tistaqsi jekk il-prinċipji relatati mat-telf definittiv stabbiliti mill-Qorti tal-Ġustizzja fil-punti 55 u 56

tas-sentenza Marks & Spencer (C-446/03, EU:C:2005:763) għandhomx japplikaw għat-telf marbut mas-snin ta' taxxa 1997 u 1998 li, peress li ġie integrat mill-ġdid, ma għandux jittieħed inkunsiderazzjoni iktar fil-Ġermanja.

16 F'dak li jikkonċerna r-rifjut tat-teħid inkunsiderazzjoni tat-telf tal-istabbiliment permanenti Awstrijak għas-snin ta' taxxa 1999 sal-2004, il-qorti tar-rinviju tindika li, skont id-dispożizzjonijiet tal-Ftehim bejn il-Ġermanja u l-Awstrija, ir-Repubblika tal-Awstrija kellha s-setgħa esklużiva li tintaxxa d-dħul ta' dan l-istabbiliment. Is-sistema ta' dan il-ftehim dwar ħelsien minn taxxa doppja għalhekk ma tkoprix biss il-profitti, iżda wkoll it-telf. Ir-rikors ta' Timac Agro għalhekk jista' jirnexxi biss jekk l-imsemmi ftehim jikser il-libertà ta' stabbiliment.

17 Din il-qorti tistaqsi wkoll jekk, fil-kawża li tressqet quddiemha, jeżistix telf definittiv fis-sens tal-prinċipji stabbiliti fil-punti 55 u 56 tas-sentenza Marks & Spencer (C-446/03, EU:C:2005:763). Din tenfasizza li sa issa hija ma rnexxilhiex tistabbilixxi l-kriterji li jippermettu li jiġu ddeterminati s-sitwazzjonijiet li fihom japplikaw dawn il-prinċipji.

18 Huwa f'dawn iċ-ċirkustanzi li l-Finanzgericht Köln (tribunal tal-finanzi ta' Köln) iddeċieda li jissospendi l-proċeduri quddiemu u li jagħmel id-domandi preliminari li ġejjin lill-Qorti tal-Ġustizzja:

"1) L-Artikolu 49 TFUE għandu jiġi interpretat fis-sens li jipprekludi dispożizzjoni bħalma hija dik tal-Artikolu 52(3) EStG sa fejn ir-riintegrazzjoni ta' telf ta' stabbiliment [mhux residenti], li preċedentement kien ittieħed inkunsiderazzjoni sabiex titnaqqas il-bażi taxxabbli [tal-kumpannija parent residenti], ma hijiex ikkawżata mir-realizzazzjoni ta' profitti iżda miċ-ċessjoni [trasferiment] ta' dan l-istabbiliment lil kumpannija b'kapital azzjonarju oħra li tappartjeni lill-istess grupp bħaċ-ċedent?

2) L-Artikolu 49 TFUE għandu jiġi interpretat fis-sens li jipprekludi dispożizzjoni bħalma hija dik tal-Artikolu 23(1)(a) [tal-Ftehim bejn il-Ġermanja u l-Awstrija], li teskludi mill-bażi taxxabbli tat-taxxa Ġermaniża d-dħul li joriġina fl-Awstrija li huwa taxxabbli fl-Awstrija fil-każ fejn telf sostnut fi stabbiliment Awstrijak ta' kumpannija b'kapital azzjonarju Ġermaniża ma jkunx jista' jittieħed inkunsiderazzjoni iktar fl-Awstrija minħabba li l-istabbiliment ikun ġie ċedut [ittrasferit] lil kumpannija b'kapital azzjonarju Awstrijaka li tappartjeni lill-istess grupp bħall-kumpannija b'kapital azzjonarju Ġermaniża?"

Fuq id-domandi preliminari

Fuq l-ewwel domanda

19 Permezz tal-ewwel domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju essenzjalment tistaqsi, jekk l-Artikolu 49 TFUE għandux jiġi interpretat fis-sens li jipprekludi sistema fiskali ta' Stat Membru, bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, skont liema, f'każ ta' trasferiment mill-kumpannija residenti ta' stabbiliment permanenti li jinsab fi Stat Membru ieħor għal kumpannija mhux residenti li taqa' fl-istess grupp bħall-ewwel kumpannija, it-telf preċedentement imnaqqas skont l-istabbiliment ittrasferit huwa integrat mill-ġdid fil-bażi taxxabbli tal-kumpannija ċedenti meta, skont ftehim dwar ħelsien minn taxxa doppja, id-dħul ta' tali stabbiliment permanenti huwa eżentat minn taxxa fl-Istat Membru fejn il-kumpannija li fuqha kien jiddependi dan l-istabbiliment għandha s-sede tagħha.

20 Għandu jitfakkar li l-libertà ta' stabbiliment tinkludi, għall-kumpanniji li huma stabbiliti skont il-leġiżlazzjoni ta' Stat Membru u li għandhom l-uffiċċju rreġistrat jew it-tmexxija ċentrali jew is-sede prinċipali tagħhom ġewwa l-Unjoni Ewropea, id-dritt li jeżerċitaw l-attività tagħhom fl-Istat Membru kkonċernat permezz ta' kumpannija sussidjarja, fergħa jew aġenzija (sentenza Nordea Bank Danmark, C-48/13, EU:C:2014:2087, punt 17 u l-ġurisprudenza ċċitata).

21 Għalkemm id-dispożizzjonijiet tat-Trattat FUE li jirrigwardaw il-libertà ta' stabbiliment għandhom l-għan li jiżguraw il-benefiċċju tat-trattament nazzjonali fl-Istat Membru ospitanti, bl-istess mod huma jipprojbixxu lill-Istat Membru ta' oriġini milli jostakola l-istabbiliment fi Stat Membru ieħor ta' kumpannija mwaqqfa skont il-liġi tiegħu, b'mod partikolari permezz ta' stabbiliment permanenti (sentenza Nordea Bank Danmark, C-48/13, EU:C:2014:2087, punt 18 u l-ġurisprudenza ċċitata).

22 Jirriżulta li jkun hemm ostakolu għal-libertà ta' stabbiliment jekk, skont sistema fiskali ta' Stat Membru, kumpannija residenti li jkollha sussidjarja jew stabbiliment permanenti fi Stat Membru ieħor iġġarrab differenza fit-trattament fiskali żvantaġġjuża meta mqabbla ma' kumpannija residenti li jkollha stabbiliment permanenti jew sussidjarja fl-ewwel Stat Membru (sentenza Nordea Bank Danmark, C-48/13, EU:C:2014:2087, punt 19 u l-ġurisprudenza ċċitata).

23 Fir-rigward tat-teħid inkunsiderazzjoni tat-telf ta' stabbiliment permanenti mhux residenti għall-finijiet tal-istabbiliment tar-riżultati u tal-kalkolu ta' dħul taxxabli tal-kumpannija li fuqha kien jiddependi dan l-istabbiliment, il-Qorti tal-Ġustizzja diġà ddeċidiet li tali teħid inkunsiderazzjoni jikkostitwixxi vantaġġ fiskali (sentenza Nordea Bank Danmark, C-48/13, EU:C:2014:2087, punt 20 u l-ġurisprudenza ċċitata).

24 Barra minn hekk, jirriżulta mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja li integrazzjoni mill-ġdid ta' tali telf, li tapplika biss f'każ ta' trasferiment ta' stabbiliment permanenti mhux residenti, twassal li kumpannija li jkollha stabbiliment permanenti fi Stat Membru differenti minn dak ta' fejn jinsab is-sede tagħha meta mqabbla ma' dik li għandha stabbiliment permanenti fl-istess Stat Membru tiġi miċħuda minn tali vantaġġ, u, għalhekk, tikkostitwixxi trattament żvantaġġuż (ara, f'dan is-sens, is-sentenza Nordea Bank Danmark, C-48/13, EU:C:2014:2087, point 21).

25 Minn din il-ġurisprudenza jirriżulta wkoll li dan it-trattament żvantaġġuż jista' jwassal li jiddisswadi kumpannija residenti milli teżerċita l-attivitajiet tagħha permezz ta' stabbiliment permanenti li jinsab fi Stat Membru differenti minn dak ta' fejn jinsab is-sede tagħha u jikkostitwixxi, konsegwentement, restrizzjoni bħala prinċipju pprojbit mid-dispożizzjonijiet tat-trattat dwar il-libertà ta' stabbiliment (ara, f'dan is-sens, is-sentenza Nordea Bank Danmark, C-48/13, EU:C:2014:2087, punt 22).

26 Tali restrizzjoni tista' tiġi ammessa biss fil-każ li hija tirrigwarda sitwazzjonijiet li ma humiex oġġettivament paragunabbli jew fil-każ li hija ġġustifikata minħabba raġuni imperattiva ta' interess ġenerali (sentenza Nordea Bank Danmark, C-48/13, EU:C:2014:2087, punt 23 u l-ġurisprudenza ċċitata).

27 Għal dak li jirrigwarda l-paragunabbiltà tas-sitwazzjonijiet, għandu jitfakkar li, bħala prinċipju, l-istabbilimenti permanenti li jinsabu fi Stat Membru differenti mill-Istat Membru kkonċernat ma jinstabux f'sitwazzjoni paragunabbli għall-istabbilimenti permanenti residenti fir-rigward tal-miżuri previsti minn dan l-Istat Membru sabiex jipprevjenu jew inaqqsu t-taxxa doppja ta' profitti ta' kumpannija residenti (sentenza Nordea Bank Danmark, C-48/13, EU:C:2014:2087, punt 24).

28 Madankollu, meta ppermettiet it-tnaqqis tat-telf imwettaq minn stabbiliment permanenti li jinsab fl-Awstrija, ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja tat vantaġġ fiskali lill-kumpannija residenti li fuqha kien jiddependi dan l-istabbiliment permanenti, bl-istess mod bħallikieku l-imsemmi stabbiliment permanenti kien jinsab fil-Ġermanja, u, għalhekk, jitqies bħala stabbiliment permanenti residenti għal dak li jirrigwarda t-tnaqqis tat-telf (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi Krankenheim Ruhesitz am Wannsee-Seniorenheimstatt, C-157/07, EU:C:2008:588, punt 35, u Nordea Bank Danmark, C-48/13, EU:C:2014:2087, punt 24). F'dawn iċ-ċirkustanzi, is-sitwazzjoni ta' kumpannija residenti li għandha stabbiliment permanenti fl-Awstrija hija, konsegwentement, paragunabbli għal dik ta' kumpannija residenti li għandha stabbiliment permanenti fil-Ġermanja.

29 Il-ġustifikazzjoni tar-restrizzjoni tista', għalhekk, tirrigwarda biss raġunijiet imperattivi ta' interess ġenerali. Huwa wkoll neċessarju, f'din l-ipoteżi, li r-restrizzjoni tkun xierqa sabiex tiggarantixxi li l-għan inkwistjoni jintlaħaq u li din ma teċċedix dak li huwa meħtieġ sabiex dan il-għan jintlaħaq (sentenza Nordea Bank Danmark, C-48/13, EU:C:2014:2087, punt 25 u l-ġurisprudenza ċċitata).

30 Ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja tenfasizza li d-dħul li jkun sar minn stabbiliment permanenti fl-Awstrija, kemm dak magħmul matul il-perijodu fejn l-istabbiliment permanenti kien jiddependi minn kumpannija stabbilita fil-Ġermanja kif ukoll dak magħmul fil-mument tat-trasferiment ta' dan l-istabbiliment, huwa eżentat mit-taxxi fil-Ġermanja, hekk li, konformement mal-Ftehim bejn il-Ġermanja u l-Awstrija, hija r-Repubblika tal-Awstrija li għandha l-ġurisdizzjoni li tintaxxa dan id-dħul.

31 Dan l-Istat Membru jispeċifika li l-integrazzjoni mill-ġdid inkwistjoni fil-kawża prinċipali tikkorrispondi għall-ammont tat-telf preċedentement imnaqqas. Tali integrazzjoni mill-ġdid tikkostitwixxi għalhekk il-kumpens fiskali għal dik il-parti tal-profitti tal-kumpannija residenti li qabel ma kienx ġie ntaxxat.

32 Barra minn hekk, is-sistema fiskali inkwistjoni fil-kawża prinċipali għandha bħala għan li tevita li l-persuni taxxabbli jistgħu jaħarbu mis-sistema tal-integrazzjoni mill-ġdid permezz ta' prezzijiet ta' bejgħ stabbiliti taħt il-prezzijiet tas-suq jew permezz ta' mekkaniżmi oħra u li timpedixxi l-ħlas tat-taxxa *a posteriori*.

33 Ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja tqis li s-sistema fiskali inkwistjoni fil-kawża prinċipali hija għaldaqstant iġġustifikata kemm minħabba fir-raġuni imperattiva ta' interess ġenerali marbuta man-neċessità li tiżgura tqassim ibbilanċjat tas-setgħa ta' tassazzjoni bejn l-Istati Membri kif ukoll minħabba dik marbuta mal-koerenza tas-sistema fiskali u dik marbuta mal-prevenzjoni tal-evażjoni fiskali.

34 Fir-rigward, qabel kollox, tan-neċessità tas-salvagwardja ta' tqassim ibbilanċjat tas-setgħa ta' tassazzjoni bejn l-Istati Membri, hemm lok jitfakkar li dan jirrigwarda għan leġittimu rikonoxxut mill-Qorti tal-Ġustizzja, li jista' jeħtieġ ukoll l-applikazzjoni, għall-attivitajiet ekonomiċi tal-kumpanniji stabbiliti f'wieħed minn dawn l-imsemmija Stati Membri, tar-regoli fiskali biss ta' dan tal-aħħar, għal dak li jirrigwarda kemm il-profitti kif ukoll it-telf (sentenza K, C-322/11, EU:C:2013:716, punt 50 u l-ġurisprudenza ċċitata).

35 Dan l-għan, kif enfasizzat il-Qorti tal-Ġustizzja, b'mod partikolari għandu l-għan li jissalvagwarda s-simetrija bejn id-dritt tat-tassazzjoni tal-profitti u l-fakultà tat-tnaqqis tat-telf, b'mod partikolari bil-għan li jiġi evitat li l-persuna taxxabbli tagħżel liberament l-Istat Membru li fih hija għandha tinvoka tali profitti jew tali telf (sentenza K, C-322/11, EU:C:2013:716, punt 51 u l-ġurisprudenza ċċitata).

36 Fil-kawża prinċipali, fl-assenza tal-applikazzjoni tal-Ftehim bejn il-Ġermanja u l-Awstrija, ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja jkollha d-dritt li tintaxxa d-dħul magħmul mill-istabbiliment permanenti fl-Awstrija li jiddependi minn kumpannija fil-Ġermanja.

37 Madankollu, l-applikazzjoni ta' dak il-ftehim wassal sabiex ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja ma kinitx eżerċitat il-ġurisdizzjoni fiskali tagħha fuq dan id-dħul. Il-fatt li r-Repubblika Federali tal-Ġermanja ġiet miċħuda mill-għażla li tintegra mill-ġdid fil-bażi taxxabbli tal-kumpannija residenti it-telf preċedentement imnaqqas rigward l-istabbiliment permanenti fl-Awstrija, f'każ ta' trasferiment ta' dan l-istabbiliment, iffisser għalhekk li din il-kumpannija tkun tista' tagħżel liberament l-Istat Membru fejn hija tista' tinvoka dan it-telf (ara, f'dan is-sens, is-sentenza Lidl Belgium, C-414/06, EU:C:2008:278, punt 34).

38 F'dawn iċ-ċirkustanzi, l-integrazzjoni mill-ġdid inkwistjoni fil-kawża prinċipali tippermetti s-salvagwardja tas-simmetrija bejn id-dritt ta' tassazzjoni tad-dħul u l-għażla ta' tnaqqis tat-telf u, għalhekk, li tiżgura t-tqassim ibbilanċjat tas-setgħa ta' tassazzjoni bejn l-Istati Membri kkonċernati.

39 Għal dak li jirrigwarda, sussegwentement, il-ġustifikazzjoni bbażata fuq in-neċessità li tiġi ppriżervata l-koerenza tas-sistema fiskali nazzjonali, għandu jitfakkar li din tirrigwarda wkoll għan leġittimu rikonoxxut mill-Qorti tal-Ġustizzja. Sabiex argument ibbażat fuq tali ġustifikazzjoni jkun jista' jintlaqa', huwa meħtieġ li tiġi stabbilita l-eżistenza ta' rabta diretta bejn il-vantaġġ fiskali kkonċernat u t-tpaċija ta' dan il-vantaġġ permezz ta' ħlas fiskali partikolari, fejn in-natura diretta ta' din ir-rabta għandha tiġi evalwata fid-dawl tal-għan tal-leġiżlazzjoni inkwistjoni (sentenza K, C-322/11, EU:C:2013:716, punti 65 u 66).

40 Fil-kuntest tal-integrazzjoni mill-ġdid tat-telf ta' stabbiliment permanenti mhux residenti preċedentement imnaqqas, il-Qorti tal-Ġustizzja tispeċifika li l-integrazzjoni mill-ġdid ta' dan it-telf ma tistax tiġi sseparata mit-teħid inkunsiderazzjoni preċedenti tiegħu. Għalhekk, il-Qorti tal-Ġustizzja qieset li din l-integrazzjoni mill-ġdid, f'każ ta' kumpannija li għandha stabbiliment permanenti fi Stat Membru differenti minn dak ta' fejn hija stabbilita, li fir-rigward tagħha l-Istat Membru ta' residenza ta' din il-kumpannija ma għandu l-ebda dritt ta' tassazzjoni, tirrifletti loġika ta' simmetrija. Għalhekk teżisti rabta diretta, personali u materjali bejn iż-żewġ elementi ta' tali mekkaniżmu fiskali, u konsegwentement l-imsemmija integrazzjoni mill-ġdid tikkostitwixxi element komplementari inseparabbli tat-tnaqqis mogħti preċedentement (ara, f'dan is-sens, is-sentenza Krankenheim Ruhesitz am Wannsee-Seniorenheimstatt, C-157/07, EU:C:2008:588, punt 42).

41 Fil-kawża prinċipali, huwa biżżejjed jiġi osservat li peress li r-Repubblika Federali tal-Ġermanja ma għandha l-ebda dritt ta' tassazzjoni fuq id-dħul magħmul minn stabbiliment permanenti fl-Awstrija, l-integrazzjoni mill-ġdid tat-telf ikkonċernat fil-bażi taxxabbli tal-kumpannija residenti li fuqha jiddependi dan l-istabbiliment permanenti tirrifletti loġika ta' simmetrija u tikkostitwixxi l-element komplementari inseparabbli tat-tnaqqis mogħti preċedentement. Għalhekk, sistema fiskali, bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, hija wkoll iġġustifikata min-neċessità li tiġi ggarantita l-koerenza ta' sistema fiskali Ġermaniża.

42 Fl-aħħar nett, fir-rigward tal-għan dwar il-prevenzjoni tal-evażjoni fiskali, hemm lok jiġi osservat li dan jirrigwarda għan tali li jiġġustifika restrizzjoni għal libertà ta' stabbiliment iggarantit mit-trattat. Konformement mal-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, sabiex argument ibbażat fuq din il-ġustifikazzjoni jista' jintlaqa', l-għan speċifiku ta' tali restrizzjoni għandu jkun li jostakola aġir li jikkonsisti fil-ħolqien ta' kostruzzjonijiet purament artifiċjali, nieqsa minn realtà ekonomika, sabiex jaħarbu mit-taxxa normalment dovuta fuq il-profitti magħmula mill-attivitajiet fit-territorju nazzjonali (sentenza K, C-322/11, EU:C:2013:716, punt 61 u l-ġurisprudenza ċċitata).

43 Fir-rigward tar-rilevanza tal-imsemmija ġustifikazzjoni dwar iċ-ċirkustanzi bħal dawk inkwistjoni fil-kawża prinċipali, hemm lok li jiġi ammess li jeżisti riskju li grupp ta' kumpanniji jorganizza l-attivitajiet tiegħu hekk li jnaqqas mid-dħul taxxabbli tiegħu fil-Ġermanja t-telf ta' stabbiliment permanenti li kienet qed tagħmel it-telf fl-Awstrija, biex sussegwentement, ladarba dan l-istabbiliment jibda jagħmel profitt, jittrasferixxi l-attivitajiet ta' dan tal-aħħar f'kumpannija oħra tal-istess grupp li hija suġġetta għat-taxxa fi Stat Membru ieħor.

44 Permezz tal-integrazzjoni mill-ġdid tat-telf imnaqqas b'dan il-mod fil-bażi taxxabbli tal-kumpannija ċedenti stabbilita fil-Ġermanja f'każ ta' trasferiment ta' stabbiliment permanenti fl-Awstrija, is-sistema fiskali inkwistjoni hija għalhekk ta' natura li tipprevjeni l-prattiki li għandhom l-għan li jaħarbu mit-taxxa normalment dovuta fuq il-profitti magħmula mill-attivitajiet fit-territorju Ġermaniż.

45 Fid-dawl ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet, hemm lok jiġi osservat li sistema fiskali, bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, tista' tiġi ġġustifikata permezz ta' raġunijiet imperattivi ta' interess ġenerali marbuta man-neċessità li tiżgura t-tqassim ibbilanċjat tas-setgħa ta' tassazzjoni bejn ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja u r-Repubblika tal-Awstrija kif ukoll il-koerenza ta' sistema fiskali Ġermaniża u li tipprevjeni l-evażjoni fiskali.

46 Madankollu, għandu jiġi vverifikat jekk tali sistema tmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ sabiex dawn l-għanijiet jintlaħqu.

47 Preliminarjament, hemm lok jitfakkar li r-rekwiżiti marbuta mat-tqassim ibbilanċjat tas-setgħa ta' tassazzjoni u mal-koerenza fiskali jikkoinċidu (sentenza National Grid Indus, C-371/10, EU:C:2011:785, punt 80). Barra minn hekk, l-għanijiet ta' salvagwardja tat-tqassim ibbilanċjat tas-setgħa ta' tassazzjoni bejn l-Istati Membri u l-prevenzjoni tal-evażjoni fiskali huma marbuta (sentenza Oy AA, C-231/05, EU:C:2007:439, punt 62 u l-ġurisprudenza ċċitata).

48 Għal dak li jirrigwarda l-proporzjonalità tas-sistema fiskali inkwistjoni fil-kawża prinċipali, għandu jitfakkar li l-għan tat-tqassim ibbilanċjat tas-setgħa ta' tassazzjoni huwa intiż jissalvagwardja s-simmetrija bejn id-dritt ta' tassazzjoni tal-profitti u l-għażla ta' tnaqqis tat-telf. In-neċessità ta' salvagwardja ta' din is-simmetrija tirrikjedi li t-telf imnaqqas fir-rigward ta' stabbiliment permanenti jista' jiġi kkumpensat permezz tat-tassazzjoni tal-profitti ta' dan l-istabbiliment magħmula taħt il-ġurisdizzjoni fiskali tal-Istat Membru kkunsidrat, jiġifieri kemm dawk magħmula matul il-perijodu kollu li fih l-imsemmi stabbiliment kien jiddependi mill-kumpannija residenti kif ukoll dawk magħmula fil-mument tat-trasferiment tal-istess stabbiliment (sentenza Nordea Bank Danmark, C-48/13, EU:C:2014:2087, punti 32 u 33).

49 Tali tqabbil huwa barra minn hekk ta' natura li jiżgura l-koerenza fiskali peress li dan il-kumpens huwa l-element komplementari inseparabbli tat-teħid inkunsiderazzjoni tat-telf li sar preċedentement (ara, f'dan is-sens, is-sentenza Krankenheim Ruhesitz am Wannsee-Seniorenheimstatt, C-157/07, EU:C:2008:588, punt 54).

50 Barra minn hekk, għandu jiġi osservat li l-imsemmi kumpens jista' wkoll jipprevjeni evażjoni fiskali peress li huwa jeskludi r-riskju ta' aġir li għandu l-għan li jaħrab mit-taxxa normali dovuta fl-Istat ta' residenza tal-kumpannija li fuqha jiddependi l-istabbiliment permanenti.

51 Fil-kawża prinċipali, huwa stabbilit li, fir-rigward tad-dħul magħmul minn stabbiliment permanenti fl-Awstrija li jappartjeni lil kumpannija fil-Ġermanja, kemm dak magħmul preċedentement għat-trasferiment ta' dan l-istabbiliment permanenti kif ukoll dak magħmul fil-mument ta' dan it-trasferiment, huma eżenti mit-taxxa fil-Ġermanja. Minn dan isegwi li t-telf preċedentement imnaqqas fir-rigward tal-istabbiliment ittrasferit ma jistax jiġi kkumpensat permezz tat-tassazzjoni tad-dħul ta' dan l-istabbiliment. Għalhekk, l-integrazzjoni mill-ġdid ta' tali telf fil-bażi taxxabbli tal-kumpannija ċedenti hija miżura proporzjonali mal-għanijiet imsemmija, jiġifieri s-salvagwardja ta' tqassim ibbilanċjat tas-setgħa ta' tassazzjoni, in-neċessità li tiġi żgurata l-koerenza fiskali kif ukoll il-prevenzjoni tal-evażjoni fiskali.

52 Fl-aħħar nett, sabiex tingħata risposta għad-domanda tal-qorti tar-rinviju fir-rigward tal-prinċipji dwar it-telf definittiv stabbilit fil-punti 55 u 56 tas-sentenza Marks & Spencer (C-446/03, EU:C:2005:763), hemm lok jiġi speċifikat li l-osservazzjoni, għal dak li jirrigwarda l-proporzjonalità tal-integrazzjoni mill-ġdid inkwistjoni fil-kawża prinċipali, madankollu ma tfissirx li l-Istat Membru ta' residenza tal-kumpannija ċedenti ma għandux josserva l-prinċipji stabbiliti fl-imsemmija punti, peress li l-imsemmija integrazzjoni mill-ġdid ma għandhiex influwenza fuq il-klassifikazzjoni tat-telf ikkonċernat.

53 Peress li l-kumpannija residenti ċedenti turi li t-telf integrat mill-ġdid huwa telf definittiv, fis-sens tal-punt 55 tas-sentenza Marks & Spencer (C-446/03, EU:C:2005:763), l-esklużjoni tal-possibbiltà għal din il-kumpannija li tnaqqas mill-profitt tagħha taxxabbli fl-Istat Membru tar-residenza tagħha t-telf imġarrab minn stabbiliment mhux residenti tmur kontra l-Artikolu 49 TFUE (sentenza Il-Kummissjoni vs Ir-Renju Unit, C-172/13, EU:C:2015:50, punt 27).

54 Għal dak li jirrigwarda n-natura definittiva ta' telf, għandu, fl-ewwel lok, jitfakkar li ma jistax jirriżulta mill-fatt li l-Istat Membru fejn jinsab dan l-istabbiliment permanenti jeskludi l-possibbilitajiet kollha ta' trasferiment tat-telf (sentenza Il-Kummissjoni vs Ir-Renju Unit, C-172/13, EU:C:2015:50, punt 33 u l-ġurisprudenza ċċitata).

55 Fit-tieni lok, l-imsemmi natura tista' tiġi biss osservata jekk l-imsemmi stabbiliment permanenti ma jibqax jiġġenera dħul fl-Istat Membru fejn jinsab, peress li sakemm huwa jibqa' jiġġenera dħul, anki minimu, teżisti l-possibbiltà li t-telf imġarrab għadu jista' jiġi kkumpensat mill-profitti futuri magħmula f'dan l-Istat Membru jew mill-istess stabbiliment, jew minn terzi (sentenza Il-Kummissjoni vs Ir-Renju Unit, C-172/13, EU:C:2015:50, punt 36 u l-ġurisprudenza ċċitata).

56 Fir-rigward tat-telf inkwistjoni fil-kawża prinċipali, ir-Repubblika tal-Awstrija indikat li fl-Awstrija ma kinux ġew eżawriti l-possibbiltajiet kollha tat-teħid inkunsiderazzjoni ta' dan it-telf.

57 Madankollu hija l-qorti tar-rinviju li għandha tistabbilixxi jekk Timac Agro effettivament ipproduċietx il-prova tan-natura definittiva tat-telf ikkonċernat.

58 Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet kollha preċedenti, ir-risposta li għandha tingħata għall-ewwel domanda għandha tkun li l-Artikolu 49 TFUE għandu jiġi interpretat fis-sens li ma jipprekludix sistema fiskali ta' Stat Membru, bħal dak inkwistjoni fil-kawża prinċipali, skont liema, f'każ ta' trasferiment minn kumpannija residenti ta' stabbiliment permanenti li jinsab fi Stat Membru ieħor ta' kumpannija mhux residenti li tagħmel parti mill-istess grupp tal-ewwel kumpannija, it-telf preċedentement imnaqqas fir-rigward tal-istabbiliment ittrasferit huwa integrat mill-ġdid fil-bażi taxxabbli tal-kumpannija ċedenti meta, skont ftehim dwar ħelsien minn taxxa doppja, id-dħul ta' tali stabbiliment permanenti huwa eżenti minn taxxa fl-Istat Membru fejn il-kumpannija li fuqha kien jiddependi dan l-istabbiliment għandha s-sede tagħha.

Fuq it-tieni domanda

59 Mid-deċiżjoni tal-qorti tar-rinviju jirriżulta li, bid-differenza mis-snin fiskali marbuta mas-snin 1997 u 1998, mis-sena fiskali 1999, wara emenda fis-sistema fiskali Ġermaniża, it-telf ta' stabbiliment permanenti mhux residenti, f'każ fejn Stat Membru fejn huwa jinsab għandu l-ġurisdizzjoni esklużiva li jimponi r-riżultati tiegħu, ma jibqax jittieħed inkunsiderazzjoni fil-Ġermanja.

60 Mid-deċiżjoni tar-rinviju jirriżulta wkoll li, bis-saħħa tal-Ftehim bejn il-Ġermanja u l-Awstrija, tali ġurisdizzjoni hija tar-Repubblika tal-Awstrija.

61 Għalhekk, hemm lok, jitqies li, permezz tat-tieni domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju essenzjalment tistaqsi, jekk l-Artikolu 49 TFUE għandux jiġi interpretat fis-sens li jipprekludi sistema fiskali ta' Stat Membru, bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, li, f'każ ta' trasferiment mill-kumpannija residenti ta' stabbiliment permanenti li jinsab fi Stat Membru ieħor għal kumpannija mhux residenti li taqa' fl-istess grupp bħall-ewwel kumpannija, teskludi l-possibbiltà għal kumpannija residenti li tieħu inkunsiderazzjoni t-telf tal-istabbiliment ittrasferit fil-bażi taxxabbli tagħha meta, skont ftehim dwar ħelsien minn taxxa doppja, il-ġurisdizzjoni esklużiva li jiġu ntaxxati r-riżultati ta' dan l-istabbiliment hija tal-Istat Membru fejn huwa jinsab.

62 F'dan ir-rigward, għandu jitfakkar li, minn naħa, sistema fiskali li tippermetti t-teħid inkunsiderazzjoni tat-telf ta' stabbiliment permanenti li jinsab fit-territorju tal-Istat Membru kkonċernat għall-finijiet tad-determinazzjoni tar-riżultati u tal-kalkolu tad-dħul taxxabbli ta' kumpannija residenti li fuqha jiddependi dan l-istabbiliment tikkostitwixxi vantaġġ fiskali u min-naħa l-oħra, ir-rifjut ta' dan il-vantaġġ meta t-telf ġej minn stabbiliment permanenti li jinsab fi Stat Membru differenti minn dak li tinsab fih din il-kumpannija jista' jiskoraġġixxi kumpannija residenti milli teżerċita l-attivitajiet tagħha permezz ta' stabbiliment permanenti li jinsab fi Stat Membru ieħor, u, għalhekk, jikkostitwixxi restrizzjoni bħala prinċipju pprojbit mid-dispożizzjonijiet tat-trattat dwar il-libertà ta' stabbiliment (ara, f'dan is-sens, is-sentenza Lidl Belgium, C-414/06, EU:C:2008:278, punti 23 sa 26).

63 Konformement mal-ġurisprudenza mfakkra fil-punt 26 ta' din is-sentenza, tali restrizzjoni tista' tiġi ammessa biss fil-każ li hija tirrigwarda sitwazzjonijiet li ma humiex oġġettivament paragunabbli jew fil-każ li hija ġġustifikata minħabba raġuni imperattiva ta' interess ġenerali.

64 Fir-rigward tal-paragunabbiltà tas-sitwazzjonijiet, kif tfakkar fil-punt 27 ta' din is-sentenza, l-istabbiliment permanenti li jinsab fi Stat Membru ieħor ma jinsabx, bħala prinċipju, f'sitwazzjoni paragunabbli għall-istabbiliment permanenti residenti fir-rigward tal-miżuri previsti minn Stat Membru sabiex jipprevjenu jew inaqqsu t-taxxa doppja ta' profitti ta' kumpannija residenti.

65 F'dan il-każ, hemm lok jiġi osservat li, peress li r-Repubblika Federali tal-Ġermanja ma għandha l-ebda ġurisdizzjoni fiskali fuq ir-riżultati ta' tali stabbiliment permanenti, u t-tnaqqis ta' dan it-telf ma kienx iktar awtorizzat fil-Ġermanja, is-sitwazzjoni ta' stabbiliment permanenti fl-Awstrija ma hijiex paragunabbli għal dik ta' stabbiliment permanenti fil-Ġermanja fir-rigward tal-miżuri previsti mir-Repubblika Federali tal-Ġermanja sabiex jipprevjenu jew inaqqsu l-intaxxar doppju tal-profitti ta' kumpannija residenti (ara, f'dan is-sens is-sentenza Nordea Bank Danmark, C-48/13, EU:C:2014:2087, punt 24 u l-ġurisprudenza ċċitata).

66 F'dawn iċ-ċirkustanzi, ir-risposta li għandha tingħata għat-tieni domanda għandha tkun li l-Artikolu 49 TFUE għandu jiġi interpretat fis-sens li ma jipprekludix sistema fiskali ta' Stat Membru, bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, li, f'każ ta' trasferiment mill-kumpannija residenti ta' stabbiliment permanenti li jinsab fi Stat Membru ieħor għal kumpannija mhux residenti li taqa' fl-istess grupp bħall-ewwel kumpannija, teskludi l-possibbiltà għal kumpannija residenti li tieħu inkunsiderazzjoni t-telf tal-istabbiliment ittrasferit fil-bażi taxxabbli tagħha meta, skont ftehim dwar ħelsien minn taxxa doppja, il-ġurisdizzjoni esklużiva li jiġu ntaxxati r-riżultati ta' dan l-istabbiliment hija tal-Istat Membru fejn huwa jinsab.

Fuq l-ispejjeż

67 Peress li l-proċedura għandha, fir-rigward tal-partijiet fil-kawża prinċipali, in-natura ta' kwistjoni mqajma quddiem il-qorti tar-rinviju, hija din il-qorti li tiddeċiedi fuq l-ispejjeż. L-ispejjeż sostnuti għas-sottomissjoni tal-osservazzjonijiet lill-Qorti tal-Ġustizzja, barra dawk tal-imsemmija partijiet, ma jistgħux jitħallsu lura.

Għal dawn il-motivi, Il-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tielet Awla) taqta' u tiddeċiedi:

1) L-Artikolu 49 TFUE għandu jiġi interpretat fis-sens li ma jipprekludix sistema fiskali ta' Stat Membru, bħal dak inkwistjoni fil-kawża prinċipali, skont liema, f'każ ta' trasferiment minn kumpannija residenti ta' stabbiliment permanenti li jinsab fi Stat Membru ieħor ta' kumpannija mhux residenti li tagħmel parti mill-istess grupp tal-ewwel kumpannija, it-telf preċedentement imnaqqas fir-rigward tal-istabbiliment ittrasferit huwa integrat mill-ġdid fil-bażi taxxabbli tal-kumpannija ċedenti meta, skont ftehim dwar ħelsien minn taxxa doppja, id-dħul ta' tali stabbiliment permanenti huwa eżenti minn taxxa fl-Istat Membru fejn il-kumpannija li fuqha kien jiddependi dan l-istabbiliment għandha s-sede tagħha.

2) L-Artikolu 49 TFUE għandu jiġi interpretat fis-sens li ma jipprekludix sistema fiskali ta' Stat Membru, bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, li, f'każ ta' trasferiment mill-kumpannija residenti ta' stabbiliment permanenti li jinsab fi Stat Membru ieħor għal kumpannija mhux residenti li taqa' fl-istess grupp bħall-ewwel kumpannija, teskludi l-possibbiltà għal kumpannija residenti li tieħu inkunsiderazzjoni t-telf tal-istabbiliment ittrasferit fil-bażi taxxabbli tagħha meta, skont ftehim dwar ħelsien minn taxxa doppja, il-ġurisdizzjoni esklużiva li jiġu ntaxxati r-riżultati ta' dan l-istabbiliment hija tal-Istat Membru fejn huwa jinsab.

Firem